MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1130/2005

**Anthony Saliba**

**vs**

**C&F Building Contractors Limited (C15308)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf, mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1,154.00) rapprezentanti danni sofferti rizultat ta' tkeccija ingusta.

Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta C&F Building Contractors Limited, bhala full-time *labourer* sa mill-14 ta' April, 2003.

Illi l-impieg tal-attur gie terminat ingustament mill-istess socjeta' konvenuta u dana kif gie deciz mit-Tribunal

Industrijali fl-14 ta’ Frar, 2005, fil-kwistjoni ta’ xoghol – (Kaz Nru. 2172 MF fl-ismijiet Anthony Saliba vs C&F Buliding Contractors Ltd).

Illi ghal kull buon fini, jigi indikat illi l-kumpens li inhareg mit-Tribunal Industrijali lill-attur kien jirrigwarda biss kumpens ghat-tkeccija ingusta u mhux ghad-danni.

Illi b’rizultat tal-istess tkeccija ingusta, l-attur sofra danni konsiderevoli, kif jirrizulta mill-anness statement ammontanti ghal elf, mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1,154.00).

Illi ghal dawn id-danni l-esponent baqa’ ma giex rizarcit mis-socjeta’ konvenuta, minkejja li interpellaha biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, permezz ta’ ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar, 2005 li giet debitament notifikat lis-socjeta’ konvenuta fl-10 ta’ Marzu, 2005.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1,154.00) dovuta bhala danni kif fuq spjegat, bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar, 2005, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Illi s-socjeta’ konvenuta kienet interpellata thallas diversi drabi l-istess ammont inkluz b’ittra legali tas-7 ta’ Jannar, 2004 izda baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta’ mija tletaxx il-Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (LM113.52) ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;

Ra r-Risposta mis-socjeta’ konvenuta fejn gie sollevat illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi s-socjeta’ eccipjenti m’ghandha taghti xejn lill-attur.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra d-dokumenti u noti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra x-xhieda bl-affidavit tal-attur Anthony Saliba u x-xhieda ta’ Vincent Micallef .

Din il-kawza tirrigwarda talba ghad-danni sofferti minn tkeccija ingusta. Fir-risposta tas-socjeta’ konvenuta gie allegat illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha taghti xejn lill-attur.

Illi skond ix-xhieda tal-attur dan jghid illi huwa kien korra waqt ix-xoghol u matul l-*injury leave* dan kien gie mkecci mill-impieg tieghu. Din it-tkeccija giet konsiderata bhala wahda ingusta mit-Tribunal Industrjiali fl-14 ta’ Frar, 2005 fil-kwistjoni ta’ xoghol – (Kaz. Numru 2172 MF fl-ismijiet Anthony Saliba vs C&F Building Contractors Limited). Ix-xhud jghid illi ghalkemm huwa gie kumpensat ghat-tkeccjija ingusta f’ammont ta’ LM300 u qatt ma gie rizarcit ghad-danni.

It-Tribunal ra illi t-talba ghad-danni hija maqsuma f’elf, mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM1,125.00), (li huma hmistax-il gimgha x LM75.00 ) u nofs il-bonus ta’ Dicembru u cioe’ disgha u ghoxrin Lira Maltin (LM29.00), b’kollox it-talba tammonta ghal elf, mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1,154.00) u li sal-lum ghadu ma giex rizarcit taghhom, minkejja li interpella lis-socjeta’ konvenuta biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, permezz ta’ ittra ufficjali.

Ra lli fil-11 ta’ Mejju, 2006 l-attur ghalaq il-provi u minn dak inhar saru sitt seduti u is-socjeta’ konvenuta me ressqet ebda prova minkejja d-diversi l-opportunitajiet li kellha. Illi ghalhekk il-kawza thalliet ghad-decizjoni tat-Tribunal.

It-Tribunal ikkunsidra u ezamina l-Atti tal-kawza inkluz il-process tat-tilwima tax-xoghol (Kaz Nru. 2172 MF fl-ismijiet Anthony Saliba vs C&F Building Contractors Limited), ezebit a fol.22 u d-decizjoni mit-Tribunal Industrijali mehud fl-14 ta’ Frar, 2005, fejn ra lli l-kaz gie deciz favur l-appellant.

Illi l-kumpens lli kien hareg mit-Tribunal Industrijali lill-attur kien jirrigwarda kumpens ghat-tkeccija ingusta u mhux kumpens ghad-danni.

Illi it-Tribunal ihoss illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal minkejja diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi.

It-Tribunal, fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi illi fin-nuqqas ta' provi min-naha tas-socjeta' konvenuta, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konnenuta thallas is-somma ta' elf mija erbgha u hamsin Lira Maltin (LM1,154.00) bhala danni sofferti wara tkeccija ingusta, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------